**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs.**

**Stefan Scicluna**

Numru 734/2012

Illum is-sebgha (7) ta' Marzu 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Stefan Scicuna**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Raymond u Elizabeth neé Harrington, imwieled Pietà nhar l-10 ta' Mejju 1989, residenti Flat 4, Gebel San Martin, Binja San Klement, Indipendenza, Zejtun, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 227389(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta' Lulju 2012, kif ukoll matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet diversi madwar Malta:

1. importa jew offra li jimporta medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet

tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 tal-1985) kif emendati;

2. kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 tal-1985) kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 7) datat 18 ta' Lulju 2012 *ai termini* ta' Artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 732/12[1] redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella liema Process Verbal jirrigwarda

[1] *A fol.* 79 *et seq.*

sejba ta' pakkett li go fih kien hemm sustanza mhux maghrufa, liema pakkett gie mal-kumpanija Maltapost nhar is-16 ta' Lulju 2012.

Rat illi, permezz ta' Digriet moghti fit-12 ta' Novembru 2014, il-Qorti Kriminali ddegretat is-segwenti: *"Wara li qieset il-kwalita' tad-droga, l-ammont u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, minkejja li r-rikorrent seta' kellu rwol sinjifikanti fl-importazzjoni tad-droga, Jidhrilha li jkun ekwu li dan il-kaz jinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk jilqa' t-talba"*[2].

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 441 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tad-9 ta' Dicembru 2015 u tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 471 u 491), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 491), l-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u rat li, fl-imsemmija seduta, il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza sabiex jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, id-depozizzjoni moghtija mill-*Probation Officer* Dorian Cornelius (*a fol.* 497 *et seq.*) u rat is-*Social Inquiry Report* redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "DC 1" (*a fol.* 499 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-23 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 515 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-28 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 526 *et seq.*).

---

[2] *A fol.* 33 – *Loose Envelope.*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed **Kevin Francica** (*Customs Officer – a fol.* 14) fejn qal li fis-16 ta' Lulju 2012 gie mitlub minn certu Sur Attard sabiex jiehu pakkett lill-iSpettur li kien *duty*.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Carmel Camilleri** (*Customs Officer – a fol.* 16 *et seq.*) fejn spjega li meta fl-10 ta' Lulju 2012 (it-Tlieta) kien xoghol bhala Fizzjal fil-*Post Office* tal-Maltapost, ittiehed pakkett minn impjegat tal-Maltapost bl-isem ta' Adrian biex issir spezzjoni fuqu. Jghid li l-ghada dan intbaghat il-*Port Health Office* u rrizulta li l-kontenut ma' kienx tajjeb ghal *human consumption* u b'hekk l-imghallem tieghu Charles Sammut ghamel kuntatt mal-*Enforcement Unit* u dawn marru l-gurnata ta' wara (il-Gimgha). Jispjega li dan il-pakkett baqa' *under lock and key* fuq l-iskrivanija fl-ufficju tad-Dwana fil-*Maltapost* f'liema ufficju jidhlu biss nies awtorizzati. Jghid li l-pakkett ikun dejjem siggillat bit-*tape* tad-Dwana u jghid li ma jiffirmawx fuq dan it-*tape*.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Jesmond Polidano** (*Customs Officer – a fol.* 22 *et seq.*) fejn spjega li huwa stazzjonat il-*Customs Enforcement Unit* fil-belt Valletta. Jghid li fit-13 ta' Lulju 2012 gie moghti struzzjonijiet miinn Inspector Carmel Attard sabiex imur il-Posta flimkien ma' kollega tieghu Anthony Camilleri u jaghmlu spezzjoni fuq kontenut ta' pakkett mizmum fl-ufficju tad-Dwana fil-Posta. Jghid it-test li sar fuq il-kontenut tal-pakkett tahom *positive indication* ghal *amphetamine* u b'hekk infurmaw lil Inspector Attard li talabhom jiehdu l-pakkett l-ufficju fil-belt Valletta. Jghid fil-pakkett kien hemm sustanza tleqq safranija u pakkett iehor naqra izghar naqra aktar kannella.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Carmel Attard** (Spettur fid-Dwana fit-Taqsima ta' l-Infurzar – *a fol.* 25 *et seq.*) fejn spjega li fit-12 ta' Lulju 2012 gie nfurmat minn Carmel Sammut

(Fizzjal inkarigat mit-Taqsima tal-Posta) li kienu rcevew pakkett mic-Cina li fih kellu sustanza u kellu jsir test fuq il-kontenut tieghu u nfurmah biex izomm il-pakkett ghandu fil-*lock* tieghu biex l-ghada jsir dan it-test. Jispjega li fit-13 ta' Lulju (il-Gimgha) baghat lil Jesmond Polidano u Anthony Camilleri biex isir it-test ghas-sustanza li ta indikazzjoni li seta' kien hemm xi *amphetamine*. Jghid li ordna li dan il-pakkett jittiehed ghandu u ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "CA" (*a fol.* 31). Jghid li t-Tnejn ta struzzjonijiet sabiex il-pakkett jittiehed ghand il-Pulizija sabiex isir l-ezami u l-analizi tas-sustanza. Jispjega li mill-Gimgha sat-Tnejn il-pakkett kien imsakkar fil-kexxun tal-iskrivanija tieghu (liema cavetta tkun ghandu biss) gol-ufficju li kien ukoll imsakkar.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehdet ukoll **Rachel Fiorini** (*Customs Officer – a fol.* 32 *et seq.*) fejn spjegat li fit-13 ta' Lulju 2012 kienet prezenti meta saru t-testijiet minn naha taz-zewg persuni mill-*Enforcement* fuq pakkett li kien hemm fuq mejda li s-*Senior* taghha Carmel Sammut qalilha tghaddieh lil *Enforcement*.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Carmel Sammut** (*Customs Officer – a fol.* 34 *et seq.*) fejn spjega li fit-12 ta' Lulju 2012 informa lil Carmel Attard (*Officer in charge* ta' l-*Enforcement*) li l-ghada ma kienx ser ikun xoghol u li l-pakkett seta' jingabar minn xi hadd iehor u li fil-fatt dan ingabar minn Rachel Fiorini. Jghid li: *"Jien infurmajthom li kien hemm il-pakkett u wkoll il-pakkett kien qieghed fl-ufficju taghna li jkun imsakkar meta ma jkunx hemm ahna jigifieri u ghamel hin fl-ufficju taghna"* (*a fol.* 35).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-pakkett kien indirizzat lil Stefan Scicluna, bl-indirizz, bl-isem u bil-partikolarijiet kollha ta' dan il-bniedem. Ikkonferma li dan kien il-pakkett Dok. "CA" li gie muri. Ghad-domanda: *"Kien hemm xi haga mill-formoli li rajt li kienet differenti minn meta solitament jigi mpurtat pakkett?"* (*a fol.* 35), wiegeb: *"Le, le bhala differenzi ma rajthiex, pero' l-ezami tal-pakkett essagg l-individwu ma kienx gie quddiemi"* (*a fol.* 35). Jghid li huma ma jiccekkjawx l-identita' tal-individwu.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Anthony Camilleri** (*Customs Officer – a fol.* 37 *et seq.*) fejn spjega li fit-13 ta' Lulju 2012 gie ordnat li jmur il-Posta biex isir test fuq kontenut ta' pakkett. Jghid li minn test li sar fuq dan il-pakkett inghata indikazzjoni li jista' jkun pozittiv ghall-amfitemina. Jghid li t-testijiet ta' l-eroina u l-kokajina rrizultaw fin-negattiv. Jghid li l-pakkett gie mittiehed il-belt Valletta. Jghid li mieghu kien hemm Jesmond Polidano u li l-pakkett kien registrat fuq Stefan Scicluna.

In kontro-ezami jghid li t-testijiet saru l-ufficju tal-Posta fl-ufficju tad-Dwana.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Adrian Bezzina** (jahdem il-Posta – *a fol.* 40 *et seq.*) fejn spjega li s-superjur tieghu Adrian Buttigieg ra tliet pakketti fit-tieqa tal-ufficju l-gdid tieghu u qallu biex jara x'inhuma. Jghid li d-data kienet 10 ta' April u mistoqsi jghid jekk kienux ilhom hemm mill-10 ta' April, wiegeb: *"Nimmagina hu"* (*a fol.* 41). Jghid li Buttigieg qallu biex jghaddiehom lil tad-Dwana biex jaraw x'inhuma u fil-fatt hu hekk ghamel.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jesmond Borg** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn spjega fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet redatti minnu wara li fis-16 ta' Lulju 2012 kien mar certu Kevin Francica mid-Dwana fejn ghaddielu pakkett li fih kien hemm zewg boroz: wiehed kellu madwar hames mitt (500) gramma u l-iehor madwar mitt (100) gramma, li kienu dikjarati bhala *titanium dioxide*. Jghid li l-pakkett kien indirizzat lil certu Stefan Scicluna li joqghod Flat 4, Gebel San Martin, Binja San Klement, Indipendenza, Zejtun. Jixhed li giet infurmata l-Magistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella li ordnat li tinfetah Inkjesta Magisterjali. Jghid li gie deciz li ssir *controlled delivery* tal-pakkett. Spjega li l-pakkett gie mqassam lil Stefan Scicluna fejn ftit wara gie arrestat u bdiet l-investigazzzjoni. Jixhed li minn diversi tfittxijiet li saru fid-dar instabu xi oggetti ohrajn relatati anke mad-droga pero rrizulta wkoll li dawn l-affarijiet kellu x'jaqsam maghhom hu l-imputat, cioé Kurt. Spjega li rrizulta li pakkett iehor gie mqassam lil Stefan Scicluna fl-10 ta' April 2012 u li dan kien wasal Malta fis-7

ta' April 2012. Jixhed li gie nfurmat mill-Maltapost li darba ohra l-imputat kien ircieva kaxxa tal-kartun li kienet waslet Malta fit-3 ta' Lulju (*Parcel Number* 22/372) u li kien fih mitejn (200) gramma ta' haxix. Jghid li dan il-pakkett gie elevat u rega' giet mitkellma l-Magistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella fejn estendiet l-inkarigi tal-esperti. Spjega wkoll x'qal l-imputat meta rrilaxxa stqarrija.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li t-tranzazzjoni li saret kienet wahda li setghet tigi ntraccata peress li l-imputat qallu minn liema bank sar it-*transfer*. Jghid li ma ccekkjax jekk verament sarx dan it-*transfer*. Mistoqsi dwar *emails* li l-imputat qal li baghat, wiegeb li kien gie elevat kompjuter u gie mghoddi lill-espert inkarigat.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jesmond Borg** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 157 u *a fol.* 163 *et seq.*) fejn ipprezenta l-pakkett originali li kien gie moghti mid-Dwana meta marru l-ufficju tieghu, f'liema pakkett kien hemm is-sustanza li eventwalment irrizulta li hija kontrollata bil-Ligi. Dan gie mmarkat bhala Dok. "JJB 1". Huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija tinsab *a fol.* 47 *et seq.*.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **PS 1044 Gordon Calleja** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn spjega li fis-17 ta' Lulju 2012 fuq struzzjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Borg u b'mandat ta' *controlled delivery* kien mar vicin ir-residenza tal-imputat fiz-Zejtun flimkien ma' ufficjali ohra tal-Pulizija. Jghid li ftit hin qabel WPC 23 dahlet tqassam il-pakkett u malli harget, hu flimkien ma' PC 1348, WPC 297 u PC 265 marru fir-residenza tal-imputat fejn l-imputat qalilhom mal-ewwel li kien ircieva pakkett bil-posta u ndikalhom fejn kien. Jghid li PC 1348 eleva l-pakkett. Jghid li gew elevati ammont sostanzjali ta' pilloli diversi. Jixhed li fil-kamra tal-imputat li jaqsam ma' huh Kurt kienu nstabu bicciet tar-raza tal-kannabis fejn Kurt qalilhom li dawn kienu tieghu (ta' Kurt).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat qallu li l-pakkett imqassam lilu kien ircevieh minn fuq l-*internet*. Mistoqsi jghid x'qallu li kien fih, jghid li l-imputat qallu li kien hemm xi *legal highs*.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2012, xehdet ukoll **WPC 23 Geraldine Buttigieg** (*fol.* 72 *et seq.*) fejn spjegat li fis-17 ta' Lulju 2012 kellhom *controlled delivery* fejn tghid li libset ta' *postwoman* biex tqassam pakkett f'isem Stefan Scicluna. Tghid li fuq il-*parcel* kien hemm numru tat-telefon illi hija cemplet fejn irrispondieha l-imputat u qalilha li kien jinsab id-dar. Tghid li qasmet dan il-pakkett lill-imputat u malli harget mid-dar, ufficjali ohra tal-Pulizija dahlu gewwa.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **PC 1348 Joseph Campbell** (*a fol.* 74 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 1044 Gordon Calleja.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat beda jinsisti li dawk li kellu kienu *legal highs* u li ma kienux illegali. Jghid li l-imputat qal li kellu certifikati minn barra li huma legali.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehed **PS 198 Arthur Debattista** (*a fol.* 89 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat bhala *Scene of the Crime Officer* fl-Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "AD" (*a fol.* 91 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Ix-Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu in segwitu tal-inkarigu moghti lilu fl-Inkjesta Magisterjali, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 103 *et seq.*). Jghid li ma ghamilx valur fuq il-*mephedrone* ghax il-valur mhux *available*.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 432 *et seq.*), ix-Xjenzat Sammut ikkonferma li apparti l-*mephedrone* kien hemm ukoll sustanza ohra li kienet ta' kulur abjad li rrizultat fin-negattiv. Dak li huwa rriskontra bhala *mephedrone* kien trab isfar. Jikkonferma li minn dan it-trab isfar kien hemm erba' mija u disghin (490) gramma. Mistoqsi jghid kemm kien hemm mit-trab l-iehor, wiegeb li ma jafx u meta gie suggeriet lilu li kien hemm madwar hamsin (50) gramma, wiegeb fl-affermattiv. Ghad-domanda: *"Inti mill-esperjenza tieghek qatt kien hemm kazijiet fejn kien hemm importazzjoni ta' certa sustanza u fil-fatt gew ricevuti sustanzi*

*ohrajn?"* (*a fol.* 433), wiegeb: *"Iva mill-esperjenza li ghandi fil-laboratorju mhux l-ewwel darba li jkun hemm pakketti specjalment li jigu mic-Cina li jkunu mmarkati bhala xi haga u tkun infatti xi haga ohra"* (*a fol.* 433).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll l-i**Spettur Herman Mula** (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn spjega li fit-18 ta' Lulju 2012 kien *Duty Officer Drug Squad* u gie mibghut il-Posta biex jistabbilixxi c-*chain of evidence* fuq il-pakkett li gie ezebit fl-Inkjesta Magisterjali. Spjega li gie stabbilit li fit-30 ta' Marzu 2012 l-pakkett telaq mic-Cina. Jghid ukoll li fit-3 ta' April 2012 il-Lufthansa nfurmaw li hames xkejjer kienu gejjin lejn Malta fejn f'wahda mill-ixkejjer kien hemm dan il-pakkett. Jghid li fl-4 ta' April 2012 waslu erbgha minn dawn il-hames xkejjer u l-ixkora li ma waslitx kien fiha dan il-pakkett li gie ezebit fl-Inkjesta. Jghid li l-ixkora li kien fiha l-pakkett in kwistjoni waslet Malta fil-21 ta' April 2012. Jispjega li peress li dak iz-zmien kienu qeghdin icaqalqu xi ufficini dan il-pakkett kien gie *misplaced* pero baqa' l-ufficju tad-Dwana mill-21 ta' April 2012 sakemm rega' nstab fl-10 ta' Lulju 2012 tant li fil-11 ta' Lulju 2012 dan il-pakkett gie mghoddi lil *Port Health Office* biex jigi ttestjat. Spjega x'gara wara b'dan il-pakkett fejn *Customs Enforcement Officers* Jesmond Polidano u Anthony Camilleri ghamlu test fuqu u regghu tawh lura lil Principal tad-Dwana Carmel Attard u li eventwalment gew infurmati l-iSkwadra tad-Droga. Jghid li baghat ghal Stephen Scerri illi kien impjegat fl-ufficju tal-Posta fejn il-pakkett gie *misplaced* ghal madwar tliet (3) xhur u ttiehdet stqarrija tieghu. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "HM 1" sa "HM 8" (*a fol.* 132 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **PC 365 Malcolm Grixti** (*a fol.* 141 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 1044 Gordon Calleja hawn fuq imsemmi pero jghid li meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk ghandux xi affarijiet illegali, l-imputat stess hadhom fl-i*study room* fejn tahom il-pakkett li kien diga fetah. Jghid: *"Saret it-tfittxija fejn minn go l-istess kamra kien gie elevat pakkett b'sustanza hadranija u kif ukoll xi pilloli […]. Aktar tard minn gol-kamra tas-sodda, minn gol-bedroom li kienu jaghmlu uzu*

*minnha Stefan kif ukoll Karl kienu nstabu zewg bicciet suspettati raza tal-kannabis fejn kien ha responsabilita' taghhom huh"* (*a fol.* 141).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehdet ukoll **WPC 297 Rianne Spiteri** (*a fol.* 143 *et seq.*) li xehdet fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 1044 Gordon Calleja. Tghid li l-imputat dahhalhom mal-ewwel go qisu *study room* fejn kellu kompjuter u qalilhom li kien ghadu kemm rcieva xi pakkett li kien qieghed go borza. Spjegat x'irrizulta minn tfittxija ohra li saret gol-kamra u li l-kamra tal-imputat jaghmel uzu minnha wkoll hu l-imputat, cioé Kurt.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hija nghatat struzzjonijiet biex tassisti l-*controlled delivery*. Ikkonfermat li meta huma identifikaw ruhhom mal-imputat bhala Pulizija staqsewh jekk kienx ghadu kif rcieva xi pakkett minn ghand il-Posta u huma talbuh biex jaghtihulhom. Ikkonfermat ukoll li wara li talbu dan lill-imputat, l-imputat hadhom gol-kamra li spjegat u tahom il-pakkett.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2012, xehed **PS 239 Joseph Caruana** (*a fol.* 151) fejn spjega li kien gie nominat bhala *Scene of the Crime Officer* fl-Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JC" (*a fol.* 153).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2013, xehdu **PS 612 Theo Vella** u **PS 644 Evan Camilleri** (*a fol.* 166) fejn spjegaw li kienu gew nominati bhala *Scene of the Crime Officers* fl-Inkjesta Magisterjali. Ezebew ir-rapport redatt minnhom li gie mmarkat bhala Dok. "TV" (*a fol.* 168 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **Vincent Farrugia** (*Security Manager* fil-Maltapost – *a fol.* 175 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub jirrekordja l-parti meta l-Ufficjal tad-Dwana sab il-pakkett in kwistjoni u hadu f'idejh. Dan gie ezebit bhala Dok. "VF" (*a fol.* 205).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **Stephen Scerri** (*a fol.* 180 *et seq.*) fejn spjega li sal-10 ta' Gunju 2012 kien *Senior Administrator* fil-*Parcel Office*. Spjega wkoll li kien ircieva telefonata mill-Pulizija biex imur il-Kwartieri Generali taghhom. Jghid li kien

hemm zmien ta' tranzizzjoni ta' ufficini fis-sens ta' *reshuffling* u nstab pakkett. Jghid li gie mistoqsi kif kien hemm ismu fuq dan il-pakkett u hu qatt ma rah. Jghid li qalulu li dan il-pakkett instab wara xi *filing*. Jghid li hu qatt ma ra dan il-pakkett u li l-ufficju kien jikkonsisti minn tliet min nies. Jghid li go dan l-ufficju n-nies kienu dehlin u hergin fih. Jixhed li meta jigu ghandu *parcels* huwa jaghmel xoghol ta' *supervision* fuqhom fis-sens li meta jkun hemm pakkett suspettuz hu jiehu azzjoni fuqu. Jghid li l-pakkett mertu tal-proceduri odjerni qatt ma gie f'idu u qatt ma rah.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Frar 2013, xehed **Fabian Marsden** (*a fol.* 189 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem fil-Maltapost u jiehu hsieb l-*import and export traffic*. Jghid li l-ixkora partikolari li kien fiha l-item in kwistjoni giet impustat fl-1 ta' April 2012 u giet manifestata fuq titjira tal-Lufthansa lejn Malta fit-3 ta' April 2012. Jghid li l-ixkora regghet giet manifestata fl-20 ta' April 2012 u fil-fatt waslet fl-20 ta' April 2012 u giet processata l-ghada 21 ta' April 2012. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "FM" (*a fol.* 191 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Frar 2013, xehdet ukoll **Graziella Attard** (*Principal Enviromental Health Officer* fil-*Port Health – a fol.* 199 *et seq.*) fejn spjegat li ghamlet spezzjoni tal-pakkett li wasal ghandhom fil-11 ta' Lulju 2012 fejn infetah dan il-pakket u fejn gie rimarkat li m'huwiex *"for human consumption"*. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "GA" (*a fol.* 202).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Frar 2013, xehed ukoll **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 203) fejn qal li fis-seduta ta' qabel kien gie moghti Dok. "VF" u gie ordnat jaghmel kopja ta' l-istess dokument u johrog *stills* minn fuqu. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 206 *et seq.*).

**Dr. Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 236 *et seq.*) u tat-12 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 249) fejn fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013 xehed li l-Qorti kienet estendietlu l-inkarigu sabiex jaccedi l-*Gmail account* sentix001@gmail.com u jirraporta dwar l-*emails* li hemm go dan il-

kont in konnessjoni ma' *email account* iehor sales@buy-jwh.com. Huwa pprezenta r-relazzioni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 251 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2013, xehed l-**iSpettur Malcom Bondin** (*a fol.* 281) fejn ezebixxa estratt mill-Att tat-Twelid tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 283).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014, xehdet **Audrey Ghigo** (in rapprezentanta tal-bank HSBC – *a fol.* 305) wara li giet ezentata mis-sigriet bankarju (*a fol.* 304) fejn giet mitluba taghti informazzjoni dwar kontijiet bankarji f'isem l-imputat bejn l-1 ta' Jannar 2011 u t-18 ta' Lulju 2012 minn liema ricerka rrizulta li kien hemm kont *savings* bin-numru 056-173628-050. Ezebiet kopja tal-i*statement* tal-kont li gie mmarkat bhala Dok. "AG" (*a fol.* 307 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **Romwald Attard** (in rapprezentanza tal-Bank of Valletta – *a fol.* 334) wara li gie ezentat mis-sigriet bankarju (*a fol.* 304) fejn gie mitlub jaghmel ricerka fuq kontijiet u *foreign transactions* tal-imputat bejn l-1 ta' Jannar 2011 u t-18 ta' Lulju 2012. Jghid li rrizultaw erba' kontijiet: tlieta *savings* u iehor *loan*. Jghid li ghar-rigward *foreign transactions* sab sbatax-il tranzazzjoni maghmula permezz ta' *swift transfer*. Ezebixxa dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "RA" (*a fol.* 336 *et seq.*) u "RA 1" (*a fol.* 395 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, xehed il-***Probation Officer*** **Dorian Cornelius** (*a fol.* 497 *et seq.*) fejn hejja *Social Inquiry Report* li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "DC 1" (*a fol.* 499 *et seq.*). Jghid ukoll li t-test tal-urina li sar gewwa d-Dipartiment irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Jghid li jidher li l-imputat ghandu s-*support* minn naha tal-familja tieghu, specjalment dik ta' missieru. Qal li fil-5 ta' Frar l-imputat tilef lil ommu fejn, illum il-gurnata, din qed taffetwah hafna. Jghid li l-imputat qed jigi segwit minn Psikjatra u huwa jinsab f'impieg regolari u *full-time* mis-sena 2010. Jghid li qatt ma kellu problemi mal-imputat u li l-imputat dejjem attenda ghall-appuntamenti.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2017, xehed **Raymond Scicluna** (*a fol.* 510 *et seq.*) fejn spjega li huwa missier l-imputat. Jghid li martu, omm l-imputat, mietet. Jghid li ghandu erbat'itfal u li l-imputat huwa l-kbir fosthom. Jghid li martu mietet sena qabel u li mietet b'marda mentali u li fl-ahhar tlett snin ta' hajjietha kienet rikoverata l-iSptar Monte Carmeli. Jghid li l-marda tissejjah *Huntington's Disease* li hija marda mentali u t-tfal ghandhom hamsin fil-mija cans li jirtuha. Jixhed: *"Lil Stefan affettwatu naturament. Meta int tkun taf li ghandek cans li din il-marda tigi fuqek, affettwatu hazin hafna. Fil-fatt kien mar ghand hafna tobba minhabba l-ansjeta' li qabditu u anke ghand psychologist qed jara bhalissa"* (*a fol.* 511). Jghid li l-imputat gie moghti hafna medikazzjoni li ma kienux qed jaghmlu success peress li baqa' l-istess u kienu qed iraqqduh hafna. Mistoqsi jghid x'effett kellha l-medikazzjoni, jghid li ma kellha l-ebda effett u jghid ukoll li l-imputat beda jipprova jfittex affarijiet ohra. Jghid li sar jaf b'dan kollu mhux qabel ma sar il-kaz. Jghid li ibnu l-imputat ghadu jmur ghall-kura. Mistoqsi jghid jekk il-kura hux qed tahdem fuq l-imputat, wiegeb: *"S'issa, s'issa, s'issa ghadha mhux qed tahdem hundred per cent pero' ghadu jmur hu"* (*a fol.* 512). Jghid li meta kellem lill-imputat dwar il-kaz odjern, l-imputat qallu li kien qed jipprova jgib xi medicina minn barra biex jara jekk tistax tahdem fuqu. Jghid li llum il-gurnata ra lill-imputat qed jikkalma u li jinsab tajjeb. Jghid ukoll li l-imputat qed jiehu hsieb xoghlu li jghid li huwa dak ta' IT Manager ma' kumpanija privata.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (*a fol.* 47 *et seq.*) rilaxxata fit-18 ta' Lulju 2012 mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Jesmond J. Borg, l-imputat spjega li huwa jpejjep il-*legal highs* li jgib minn fuq l-*internet*. Jghid li ilu jabbuza minnha madwar sena u jghid li jpejjipha. Mistoqsi jghid meta kien l-ahhar li gab u kemm gab, wiegeb li gab xi xahrejn qabel u kien fih qisu xi mitt gramma. Jghid li hallas il-fuq minn €200. Mistoqsi jghid jekk, apparti l-*legal highs*, qattx ordna xi tip ta' droga ohra, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi dwar l-ahhar ordni li ghamel, jghid li xtara minn *e-bay* u xtara *legal highs*. Mistoqsi dwar pakkett li gie mghoddi lill-Ufficjal Prosekutur u indirizzat lilu (lill-imputat) liema pakketta gie mic-Cina, wiegeb: *"Dak suppost li kien fih legal*

*highs"* (*a fol.* 48). Ikkonferma li dan il-pakkett gie mqassam lilu l-gurnata ta' qabel. Jghid li malli rcevieh, poggieh fil-*cupboard*. Jghid li sakemm dahlu l-Pulizija kien fetah biss il-karta tal-posta u li kien ghamel l-ordni xi xahrejn qabel. Wara jghid li ma jafx ezatt meta ghamel l-ordni. Mistoqsi jghid kemm hallas ghal din il-kunsinna, wiegeb: *"€300 per fuq il-bank statements ghandi ezatt. Suppost hallast ghal kunsinna ta' 100 gramma legal highs"* (*a fol.* 48). Jghid li hallas bil-*bank transfer*. Mistoqsi jghid jekk kull meta gab xi haga minn barra hallasx mill-istess kont, wiegeb fin-negattiv u qal li gie li hallas minn kontijiet ohra li ghandu. Meta nghid lilu li fuq id-dokumentazzjoni tal-pakkett in kwistjoni hemm l-indirizz tieghu kif ukoll in-numru tal-*mobile* tieghu, wiegeb: *"Ovvjament ordnajthom bhala Synthetic Cannabinoids li huma AM2201"* (*a fol.* 48). Meta nghad lilu li fuq l-istess dokumentazzjoni hemm miktub li l-kontenut kellu jkun sitt mitt (600) gramma ta' sustanza li tnizzlet bhala *Titanium Dioxide*, wiegeb: *"Ma ghandix idea"* (*a fol.* 49). Jghid li jew kien hemm zball fl-ordni jew inkella xi hadd baghtulu biex jiffremjah. Ghad-domanda: *"Tahseb li xi hadd, minflok 100 gramma ser jibghatlek 600 gramma ta' sustanza li hija totalment differenti minn dak li ordnajt int?"* (*a fol.* 49), wiegeb: *"Ma nafx"* (*a fol.* 49). Mistoqsi jghid kemm il-darba ordna xoghol minn ghand il-kumpanija fic-Cina, wiegeb: *"Darba biss. Dan il-pakkett li kelli nircievi"* (*a fol.* 49). Mistoqsi jghid jekk kull meta rrifera ghall-kliem *legal highs* kienx qieghed jirreferi ghas-sustanza AM2201, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li ghandu korrispondenza mal-kumpanija li bghatitlu dan il-pakkett fuq il-kompjuter li gie elevat minn ghandu l-gurnata ta' qabel. Jghid li l-korrispondenza tinsab fuq l-*emails* u ghandu wkoll it-*tracking number*. Jghid li juza *account* tal-*gmail* u li l-*email account* tieghu huwa s-segwenti: sentix001@gmail.com. Jghid l-ammont ta' haxix li nstab fid-dar meta saret tfittxija huwa Damiana. Mistoqsi jghid jekk apparti l-pakkett li gie mqassam lilu l-gurnata ta' qabel, ghandux xi ordnijiet ohra pendenti ma' barra minn Malta, wiegeb: *"Forsi hemm iehor Damiana"* (*a fol.* 49). Jghid li ilu li ordnah xi gimghatejn u li ordnah minn *e-bay* u s-soltu jaslu mill-Amerika. Jghid li l-kontenut tal-korrispondenza li semma tinsab kemm fuq il-*laptop* kif ukoll fuq il-kompjuter. Mistoqsi jghid jekk apparti mill-*account* tal-*gmail*, ghandux xi korrispondenza ohra, wiegeb fl-affermattiv u qal li ghandu wkoll *chat* minn fuq l-i*Skype* u li l-*account* tal-i*Skype* huwa

sentix001. Ghad-domanda: *"Dan il-kontenut li qed tghidli li ordnajt int, li huwa AM2201, tista' tghidli ghaliex kont qieghed tuzah?"* (*a fol.* 49), wiegeb: *"Biex naghmlu fuq id-Damiana wara li nhalltu ma' l-acetone u wara nkun nista' npejpu"* (*a fol.* 49). Ghad-domanda: *"Jekk nghidlek li fuq il-mobile tieghek hemm xi messaggi relatati ma' traffikar, xi tghidli dwar dan?"* (*a fol.* 49), wiegeb: *"Dak tal-legal highs"* (*a fol.* 49). Ikkonferma li mil-*legal highs* kien qed jaghti lil haddiehor. Jghid li kien qed ibiegh €10 ghal kull gramma. Jichad li kien qed ibiegh *mephedrone* u jichad li d-dar qatt kellu *mephedrone*. Jaf li s-sustanza *mephedrone* hija sustanza illegali.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux

jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet relatati ma' droga: taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'importazzjoni ta' *mephedrone* u taht it-tieni (2) imputazzjoni qed jigi akkuzat b'pussess ta' *mephedrone* li nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi kollox origina minn pakkett destinat lill-imputat, li in segwitu ta' *controlled delivery* gie konsenjat lill-istess imputat, f'liema pakkett irrizulta li kien hemm il-*mephedrone*. Filwaqt li l-Prosekuzzjoni ssostni li rnexxielha tipprova l-kaz taghha fis-sens li l-imputat kien effettivament ordna l-*mephedrone*, id-difiza ssostni li l-imputat ma kienx ordna l-*mephedrone* pero kien ordna *legal highs* u li dak mibghut lilu ma kellu x'jaqsam xejn mal-ordni tieghu.

Illi dak li l-Qorti trid tezamina huwa jekk l-imputat effettivament ordnax dak li gie indirizzat u konsenjat lilu.

Illi jirrizuta li l-pakkett in kwistjoni, li kien dikjarat bhala *titanium dioxide*, telaq mic-Cina fit-30 ta' Marzu 2012 u li l-ixkora li kien fiha l-pakkett in kwistjoni waslet Malta fl-20 ta' April 2012 u giet

processata fil-21 ta' April 2012. Peress li f'dak iz-zmien kienu qed jigu mcaqalqa xi ufficini, dan il-pakkett kien gie *misplaced* pero baqa' l-ufficju tad-Dwana mill-21 ta' April 2012 sakemm rega' nstab fl-10 ta' Lulju 2012, f'liema gurnata ttiehed lill-Fizzjal tad-Dwana fil-Maltapost u fil-11 ta' Lulju 2012 gie mghoddi lil *Port Health Office* fejn irrizulta li l-kontenut ma' kienx tajjeb ghal *human consumption* u ta indikazzjoni li seta' kien hemm xi *amphetamine*.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- Il-pakkett hawn fuq imsemmi kien indirizzat lill-imputat Stefan Scicluna: bl-indirizz, bl-isem u bil-partikolarijiet kollha tieghu. Wara li l-pakkett gie kkonsenjat lill-imputat, irrizulta li fil-pakkett kien hemm zewg boroz: wiehed kellha madwar hames mitt (500) gramma u l-ohra madwar mitt (100) gramma. L-imputat, fl-ebda mument ma nnega li ma kienx ordna l-pakkett pero huwa nnega li ordna l-kontenut tal-pakkett konsenjat lilu.

- Fir-rapport tieghu (Dok. "GS" – *a fol.* 103 *et seq.*), ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti:

  *"(a) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn isfar li hemm fid-dokument 200_12_01 instabet is-sustanza <u>Mephedrone</u>. Il-piz tat-trab kien ta' <u>490 grammi</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

  *(b) Illi l-pilloli li hemm fl-envelop immarkat bhala bhala K u li hemm fid-dokument 200_12_03 giet identifikata bhala "Cyril Clonazepam tablets". In-numru ta' pilloli kien 4. Clonazepam huwa kkontrollata bil-ligi taht Taqsima B, it-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta"* (*a fol.* 110).

  Fil-kontro-ezami tieghu, ix-Xjenzat Godwin Sammut specifika li mentri t-trab safrani rrizulta li kien *mephedrone*, it-trab l-iehor ta' kulur abjad irrizulta fin-negattiv.

- Fiz-zmien tal-akkadut l-imputat kellu tlieta u ghoxrin (23) sena u jahdem bhala *IT technician*. Il-Qorti taqbel mal-Prosekuzzjoni

meta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha tghid li jirrizulta li l-imputat huwa familjari hafna max-xiri ta' prodotti minn fuq l-*internet*. Dan jirrizulta wkoll mir-rapport ta' Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 251 *et seq.*).

- L-*EMS Tracking Number* EE725266122CN tal-pakkett hawn fuq imsemmi huwa l-istess wiehed indikat f'Dok. "CA" (*a fol.* 31) ezebiet mill-iSpettur tad-Dwana Carmel Attard, liema Dok. "CA" jaghmel riferenza ghall-pakkett in kwistjoni.

- Jirrizulta li mill-*emails* mibghuta lill-imputat (*a fol.* 222 u 258), li l-ordni 140480 saret fit-18 ta' Marzu 2012 u li l-pakkett in kwistjoni beda t-tragiet tieghu lejn Malta fit-30 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 219).

- Ma jirrizulta minn imkien li l-imputat kien ordna l-*mephedrone*. Anzi minn *email* (*a fol.* 222) jirrizulta li l-ordni kienet ghal (a) AM-2201 u ghal (b) Methylone, bk-MDMA u li l-ammont kien dak ta' €2717.27 (€2517.28 + €200 spejjez ta' *bank transfer*). Dan jirrizulta wkoll fit-traskrizzjoni tac-*chat* tat-22 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 256), fejn l-imputat jaghmel riferenza ghal *"1000 grams am-2201"* u ghall-ammont ta' €2717.28.

- Mid-dokumenti ezebiti mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta Romwald Attard jirrizulta li l-imputat ghamel pagament lil Kemeo Group Inc fl-ammont ta' €2721.00, liema somma tinkludi €4.00 skond ma jirrizulta minn Dok. "RA" (*a fol.* 361).

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax ulterjorment is-segwenti:

- Ma jistghax jinghad li l-imputat ma kkooperax mal-Pulizija:

  (a) *Di fatti*, fl-istqarrija rilaxxata minnu (*a fol.* 47 *et seq.*), l-imputat, filwaqt li jammetti li kien xtara diversi drabi *legal highs* permezz ta' l-*internet* u li kien ibiegh lil haddiehor minnhom, jichad li qatt kellu l-*mephedrone* d-dar u li qatt biegh minnha.

(b) Fl-imsemmija stqarrija, l-imputat jaghmel riferenza ghall-*emails*, ghall-i*Skype*, u ghall-kontijiet bankarji tieghu.

(c) Fin-Nota tal-imputat ipprezentata fil-15 ta' Frar 2013, l-imputat innota s-segwenti: *"L-imputat annetta emails u EMS Tracking Results, sabiex jagevola l-operat ta' l-espert Dr. Martin Bajada. L-esponent jaghmel ukoll riferenza ghall-email tieghu minn fejn jistghu jinstabu dawn id-dokumenti: Username: sentix001@gmail.com Password: yWnKtP10Mail"* (*a fol.* 218).

- Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni, filwaqt li taghmel riferenza ghal numru ta' fatturi fattwali, pero fl-istess waqt taghmel riferenzi ohra li jistghu jitqiesu biss bhala kongetturi u suspetti. Il-Qorti tinnota li, mill-assiem tal-atti processwali u tenut kont ta' dak li jirrizulta minnhom, ma jfisser xejn li l-imputat talab li l-ordni ta' 1kg tigi mibghuta f'pakketti ta' 500 gramma. Ma jfisser xejn anqas li l-imputat kiteb: "*Before you used to ship the item with a fake invoice and packaging with beauty sample image on it that helped pass from customs. […] I noticed the package sent this time was just normal"* (*a fol.* 261). Ma jfisser xejn anqas li l-imputat kiteb: *"I have ordered more than 5kgs+ since the early days of this website"* (*a fol.* 260). Ma jfisser xejn anqas il-fatt li fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li meta l-pakkett in kwistjoni gie konsenjat lilu huwa tefa' l-pakkett fil-*cupboard* u li sakemm dahlu l-Pulizija kien fetah biss il-karta tal-posta. Kif diga nghad, dawn huma biss kongetturi da parte tal-Prosekuzzjoni.

- Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni tissottometti s-segwenti: *"Minn naha l-ohra, is-sustanza li nstabet fil-pakkett, wara analizi li kienet saret fuqha, kienet giet dikjarata mill-espert tal-Qorti bhala mephedrone u li l-ammont taghha kien madwar 100 gramma u 500 gramma"* (*a fol.* 518). Harsa lejn ir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut u lejn id-depozizzjoni tieghu (inkluz il-kontro-ezami tieghu) jirrizulta li dan mhux il-kaz! Il-Qorti mhijiex ser taghmel l-ebda kumment iehor dwar dan pero ssostni li r-riferenzi ghall-atti processwali ghandhom ikunu

dejjem korretti u mhux b'mod li jistghu jizvijaw lill-Qorti ossia l-kors tal-gustizzja.

- Meta x-Xjenzat Godwin Sammut gie mistoqsi in kontro-ezami: *"Inti mill-esperjenza tieghek qatt kien hemm kazijiet fejn kien hemm importazzjoni ta' certa sustanza u fil-fatt gew ricevuti sustanzi ohrajn?"* (*a fol.* 433), ix-Xjenzat Sammut wiegeb: *"Iva mill-esperjenza li ghandi fil-laboratorju mhux l-ewwel darba li jkun hemm pakketti specjalment li jigu mic-Cina li jkunu mmarkati bhala xi haga u tkun infatti xi haga ohra"* (*a fol.* 433).

- Fis-*Social Inquiry Report* (Dok. "DC 1" – *a fol.* 499 *et seq.*) redatt mill-*Probation Officer* Dorian Cornelius jirrizulta dak li ghadda minnu l-imputat tul hajtu. Irrizulta wkoll mid-depozizzjoni tal-imsemmi *Probation Officer* Cornelius li, in segwitu tat-telfa ta' ommu, l-imputat gie affettwat hafna. Jirrizulta wkoll li l-imputat kien qed jigi segwit minn Psikjatra.

- Da parte tieghu, Raymond Cassar (missier l-imputat) xehed dwar kif l-imputat gie affettwat hazin meta sar jaf li l-marda li kellha ommu setghet tigi fuqu tant li lill-imputat qabditu ansjeta'. Huwa spjega kif il-medikazzjoni ma kellha l-ebda effett fuq l-imputat u kif l-imputat kien qed ifittex alternattivi ohra.

Illi, tenut ta' dak kollu li nghad hawn fuq, minn imkien ma jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat kien ordna s-sustanza *mephredone*. Tenut kont tac-cirkostanzi li jirrizultaw mill-atti processwali (fosthom l-ammissjoni tal-imputat li kien ordna l-*legal highs* diversi drabi, li kien ibieghhom, u li kellu ansjeta' minhabba l-marda ta' ommu) jirrizulta li l-verzjoni moghtija mill-imputat hija wahda verosimili u kredibbli.

Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi dak li jirrizulta fl-atti processwali jista' jindika biss diversi ipotesijiet u mhux certezzi

u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. Il-Prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq numru ta' fatti u eskludiet diversi fatti ohra u ghamlet numru ta' kongetturi.

Illi, mehud in konsiderazzjoni dan kollu, jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu. Il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih taht iz-zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Stefan Scicluna hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' sekwestru u fir-rigward ta' spejjez relatati mal-hatra ta' esperti,

liema talbiet saru fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputat Scicluna gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**